MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 209/2001/1

Kawza fil-lista: 45

**A B C**
**Vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici A B C u l-konvenut D C izzewgu fit-28 ta' Jannar, 1961 (skond l-aness certifikat immarkat Dok. A);

Peress illi mill-istess zwieg twieldu erbat itfal illum kollha maggorenni;

Peress illi l-hajja konjugali bejn il-konvenut u l-attrici konjugi C ma ghadhiex aktar possibbli minhabba swat, vjolenza, minacci, theddid, eccessi, sevizzi, mohqrija u insulti da parti tal-konvenut tant illi l-attrici qieghda tirrisjedi gewwa Dar Merhba Bik, Hal Balzan, u b' hekk iz-zwieg tfarrak b'mod irrimedjabbli tort ta' l-istess konvenut;

U peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet numru 1766/00 f' dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru, 2000 (Dokument B);

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejnu u l-imsemmija martu A B C ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut;
2. Tawtorizza l-istess A B C tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-martu A B C dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi iffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici;

4. Tapplika interament jew in parti dawk id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u separatament tordna illi l-attrici A B C tigi moghtija il-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

5. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formani parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lil A B C u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar biex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapresenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-istess martu l-beni kollha dotali u parafernali taghha;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk inkorsi quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut illi hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa

1. Illi preliminarjament u kuntrarjament ghal dak li ntqal fic-citazzjoni odjerna, iz-zwieg bejn il-konjugi C iddeterjora primarjament minhabba ragunijiet unikament imputabbli ghall-attrici, fosthom vjolenza fizika u psikologika u theddid da parti tal-attrici fil-konfront tal-konvenut zewgha, oltre l-hajja adultera da parti tal-attrici li minnha rrizultat tarbija, liema tarbija giet imrobbija mill-konvenut bhallikieku kienet tieghu;

2. Illi in oltre, minn mindu l-attrici abbandunat d-dar matrimonjali, minghajr l-ebda raguni valida, l-konvenut zewgha sar jaf bi tlett ‘boyfriends’ li kienet jew ghadha tiffrekwenta martu l-attrici;

3. Illi l-konvenut ma jsib ebda oggezzjoni li martu l-attrici tghix separata minnu;

4. Illi l-konvenut m’ ghandux ihallas manteniment lill-attrici martu stante l-fatt li hija kienet hadet, minghajr l-kunsens tal-konvenut, somma li tlahhaq eluf ta’ liri Maltin f’ kontanti, meta hija abbandunat id-dar matrimonjali, oltre l-fatt, li martu l-attrici kapaci tahdem;

5. Illi ghalkemm l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex “tapplika interament jew in parti dawk id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta), hija ma ndikatx id-disposizzjonijiet li ghalihom qeghda tirreferi;

6. Illi f’ kaz li l-attrici qeghda tirreferi ghall-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta), il-konvenut jecepixxi illi l-imsemmi Artikolu 48 u dawk segwenti, m’ humiex applikabbli kontrih stante li huwa qatt

ma rrenda ruhu hati ta’ adulterju fil-konfront ta’ martu l-attrici, lanqas qatt ma abbanduna lill-imsemmija martu u wisq anqas irrenda ruhu hati ta’ kwalsiasi eghmil li jista’ jaghti lok ghas-separazzjoni personali;

7. Illi l-konvenut jaqbel ukoll illi ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u in oltre jaqbel illi l-oggetti li jiffurmaw parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet, mhux necessarjament fi kwoti ndaqs, illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, okkorrendo bl-opera ta’ perit nominand;

8. Illi kuntrarjament ghal dak pretiz mill-attrici martu, m’ hemm l-ebda proprjeta’ parafernali taghha xi tkun assenjata lilha, stante li hija ma gabet xejn fiz-zwieg;

9. Illi l-konvenut ma jsibx oggezzjoni biex jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali taghha u jaqbel ukoll li l-esponenti ghandha tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-Arkitett Valerio Schembri minnu debitament mahluf;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Mark Chetcuti minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minghand zewgha l-konvenut in bazi ghal dak kontempla fl-Artikolu 40 tal-Kap.16 ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut; u sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, jsostni li din ghandha tigi attribwita lill-attrici in bazi ghal artikoli 38,40 u 41 tal-Kap.precitat.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Jannar 1961 u f' dan iz-zwieg twieldu erbat it-tfal, illum maggjorenni, li dwar wiehed minnhom hemm dubju dwar il-paternita' tieghu, rizultat ta' incident li sehh zmien ilu allegat mill-attrici.

Illi in tema legali jigi osservat illi fl-apprezzament tal-provi partikolarment f' kazijiet bazati fuq id-dispost ta' l-Artikolku 40, il-Qorti ghandha thares lejn il-fatti saljenti tal-hajja matrimonjali u l-imgieba tal-konjugi fil-konfront ta' xulxin tul il-hajja konjugali taghhom, tenut kont ghal peristenza fl-ingieba taghhom, u b' hekk thares lejn il-kwadru shih kemm fid-dimensjoni tieghu ta' zmien kif ukoll tal-fattispecie li jirrizultaw mill-provi.

Kif osservat din il-Qorti fil-sentenza *PA[PS] Marthese Vella vs George Vella deciza fil- 28.02.2003* "kull parti fil-kawza tista' tixhed; izda din il-prova e' da accogliersi colla medesima cautela e circospezione, dipendendo la sua <u>efficacia </u>principalmente dalle deduzione che una sana critica, tenuto conto dell' interesse manifesto del deponente, puo' inferire dalla verosimiglianza del racconto, della corroborazione di quella prova, e sopratutto dal confronto delle disposizione di ciascuno dei contendenti;        ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecie i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personali dall'altro coniuge, si svolgono generalmente entro il segreto delle pareti domistiche.. [*PA Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia – 7.03.1919*]

Il-Qorti allura trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha, u taghtihom il-piz li hu normalment mistenni f' sitwazzjonijiet ta' din in-natura.  Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari".

Fil-kaz in disamina huma opportuni s-segwenti osservazzjonijet. Illi bazikament, dwar ir-responsabbilita' ghal firda personali, xehedu bl-affidavit il-partijiet li attribwew atteggjament abbuziv fil-konfront ta' xulxin, filwaqt li nnegaw uhud mill-allegazzjonijiet maghmula kontra taghhom. Xehedu wkoll Sandra C it-tifla tal-partijiet; kif ukoll xehed il-Konsulent Psikjatra Dottor Anthony Mangion dwar l-istat mentali ta' l-attrici, liema xhieda ghandha relevanza qawwija stante li tikkorrobora parti mill-allegazzjonijiet ta' l-attrici fil-konfront taghha stess,kif ukoll fil-konfront tal-konvenut.

Illi fid-deposizzjoni tieghu Dottor Mangion, li ilu jipprattika bhala konsulent psikjatra ghal aktar minn 30 sena, jghid li l-attrici kienet ilha that kura psikjatrika mis-sena 1973, u ilha that il-kura tieghu l-fuq minn tlettax il-sena. Huwa kkonstata li l-attrici tbati minn stat mentali ta' "depressjoni ta' intensita' moderata severa" attribwibbli ghal tendenza genetika u c-cirkostanzi difficli fil-hajja personali taghha.

Ikompli jghid li "f' xi zmien qaltli [l-attrici] dwar esperjenza li kellha meta xi rgiel kienu stuprawha, u dina kienet <u>wahda mir-ragunijiet ewlenin</u> ghad-depression taghha. Kienet ukoll issemmi illi r-ragel ried ikollu relazzjonijiet sewwali abnormali maghha u dina kienet <u>issiemmih spiss</u>, u kienet raguni ohra ghad-depression taghha."

Jghid ukoll: "F' dan il-kaz ma kellix raguni nahseb jew nikkonkludi li anke fejn jidhol zewgha u l-problemi mieghu, kien frott tal-fantazija ghaliex kif ghidt [l-attrici] kienet kostanti mieghu u anke tobba ohra fl-istess dipartiment li l-versjonijiet taghha baqghu kostanti maghha." [fol.107].

In propositu l-Qorti osserva li din ix-xhieda tal-konsulent psikjatra hija relevanti stante li taghti konfort lill-versjoni tal-attrici, kemm fuq l-atteggjament tal-konvenut fil-konfront taghha kif ukoll fuq l-incident li kien sehh fis-sena 1976. Il-Qorti tifhem id-diffikulta' li rriskosntrat l-attrici biex tressaq provi konkreti in sostenn ta' din il-parti tal-versjoni taghha, tenut kont tal-fatt li l-komportament abbusiv ilmentat minnha ma sarx quddiem xhieda okulari ghar-

ragunijiet ovvji; ghaldaqstant thoss li dak li qalet l-attrici b' mod konfidenzjali lit-tobba li ezaminaw l-istat mentali taghha matul il-medda taz-zmien, jassumi valur probatorju sinifikanti f' dan ir-rigward.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li l-umiljazzjoni li l-attrici kostantament sofriet fir-relazzjonijiet intimi ma' zewgha in vista' tax-xewqat perversi ta' zewgha, u li kienet wahda mir-raguni ghad-depressjoni taghha, tikkostitwixxi sevizzi u offiza gravi fil-konfront taghha da parti tal-konvenut; kif jikkostitwixxi ukoll offiza gravi l-mod dispreggjattiv ta' kif il-konvenut kien jghaddilha l-flus ghall-ispejjez tal-hajja.

Illi l-konvenut minn naha tieghu jimputa lill-attrici dak kontenut fl-Artikoli 38, 40 u 41.

Rigward l-allegazzjoni ta' adulterju da parti ta' l-attrici l-Qorti tosserva li ma tressqux provi sufficjenti in sostenn ta' din l-akkuza. Huwa minnu li l-attrici kienet pjuttost leggera ma' l-irgiel kif tixhed ix-xhieda ta' Louis Fenech u anke dik ta' bintha Sandra C, izda minn naha l-ohra ma jezistux l-estremi ta' l-Artikolu 38.

Kif ritenut kostantament u diversi drabi fil-gurisprudenza diversi drabi li minhabba d-diffikulta' tal-prova okulari tal-kongungiment karnali, l-adulterju jista' jigi inferit minn indizzji u presunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta' konkubinat. L-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-seprazzjoni personali; izda stante d-diffikulta' tal-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precisi u konkordanti, b' mod li ma jhallu ebda dubju f' min ghandu jiggudika – izda ma hemmx bzonn ta' testimonjanza de visu [*PA Rita Spiteri vs Avk.Dr.Albert Grech Vol.XXXVII.II.693; PA Rosina Micallef vs Angelo Micallef – 27.06.1964*]

Fil-kaz in disamina jirrizulta manifest li dawn ic-cirkostanzi ma jirrizultawx; kif lanqas jirrizulta provat l-istat ta' konkubinagg li l-konvenut qed jimputa lill-attrici. In

propositu il-Qorti tosserva li d-dokument prezentat mill-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, wara l-gheluq tal-provi fis-6 ta' Novembru 2003 u wara li gie prezentat ir-rapport tal-perit legali, u li huwa biss kopja fotostatika ta' pagna presumibbilment mehuda mir-registru elettorali, huwa element ta' prova dghajjef hafna b' valur probatorju kwazi negligibbli. Il-Qorti tosserva li l-konvenut kellu l-opportunita' shiha li jipprezenta dan id-dokument [datat Ottubru 2003] qabel il-prezentata tar-rapport tal-perit legali fl-24 ta' Awissu 2004; u ghalhekk ghalkemm kellu zmien bizzejjed biex iressaq provi ammissibbli u jelabora fuqhom billi jikkonfronta l-attrici bil-kontenut tieghu, u anke jiressaq bhala xhieda lil persuna l-ohra indikata fl-istess dokument; izda l-konvenut baqa' mankanti f' dan ir-rigward.

Rigward l-incident li sehh fis-sena 1976 u li sussegwentement twieled ir-raba fiz-zwieg, il-Qorti tosserva li hemm zewg konsiderazzjonijiet li jimmiltaw kontra t-tesi tal-konvneut li z-zwieg tkisser minhabba dan l-incident:

Fl-ewwel lok jigi rilevat li l-attrici kienet konsistenti fil-versjoni taghha tul il-medda taz-zmien, anke mat-tobba li ezaminawha, li dak li sar kien sar kontra l-volonta' taghha; u inoltre l-Konsulent Dottor Mangion jccertifika din l-esperjenza ta' l-attrici bhala wahda mir-ragunijiet "ewlenin" ghad-depression taghha. Di fatti l-konvenut stess fl-affidavit tieghu jghid: "Irrid nghid li wara li twieled it-tifel iz-zghir, A B kellha depression." [fol.42]  Ghalhekk tenut kont ta' dawn il-provi, il-Qorti ma tarax ghaliex m' ghandhiex taccetta, anke fuq bazi ta' bilanc ta' probabilitajet il-versjoni ta' l-attrici.

Fit-tieni lok, ma jistax jinghad b' sincerita' li l-imsemmi incident kien il-kawza tal-firda personali bejn il-partijiet. Dan l-incident kien sehh fis-sena 1976 u cioe' zmien twil wara li l-attrici telqet mid-dar konjugali, u inoltre, il-konvenut stess fl-affidavit tieghu jghid li meta sar jaf, erba snin wara, li t-tifel ma kienx tieghu [ghalkemm ma jidhirx li saru testijiet genetici biex jistabilixxu dan l-allegat fatt defenittivament]  huwa xorta baqa' ma' l-attrici u rabba lit-tifel daqs li kieku kien tieghu, u dana nonostante li huwa

kien emmen “mill-ewwel” illi t-tifel ma kienx tieghu.”[fol.41]. Minn dan johrog car li l-konvenut kien accetta s-sitwazzjoni u “biex inzomm il-familja maghquda” baqa’ ma’ l-attrici; u ghalhekk huwa difficli li jigi emmnut fl-asserzjoni tieghu li z-zwieg tfarrak ghoxrin sena wara, minhabba dan il-fatt.

Jigi osservat li sabiex l-adulterjuri jikkostitwixxi legalment raguni valida ghal firda, jehtieg li jirrizulta li l-firda personali tkun konsegwenza, in toto jew in parte, ta’ l-adulterju, F’ dan il-kaz jirrizulta li l-vera raguni tal-firda hija l-offizi gravi li partijiet sofrew fil-konfront ta’ xulxin; ghax l-hbiberiji li l-attrici kellha ma’ l-irgiel, kif fuq indikat, possibbilment sforz tad-dwejjeq li kellha fil-hajja matrimonjali, jikkostitwixxu ingurji gravi fil-konfront tal-konvenut, izda mhux adulterju.

Illi rigward il-fattur ta’ l-abbandun kontemplat fl-Artikolu 41 tal-kap.16, jigi osservat li sabiex dana jirradika l-htija ghas-separazzjoni personali, irid ikun sar minghajr ragunijiet validi. Issa mill-provi jirrizulta li, konsegwenza tal-ingurji li kienet qed tissubixxi minghand il-konvenut, hija telqet mid-dar konjugali u inizjalment marret toqghod god-dar Merhba Bik. Kif spjega l-Konsulent Dottor Mangion, il-problemi matrimonjali kienu fost ir-ragunijiet ghall-istat ta’ depressjoni li kienet qeda issofri l-attrici; tant hu minnu dan, li malli l-attrici telqet mid-dar l-dina ma regghetx dahlet fis-psychiatric unit nonostante t-trapass ta’ tlett snin. Din fil-fehma tal-Qorti hija ndikazzjoni cara li l-abbandun da parti ta’ l-attrici tad-dar konjugali ma kienx wiehed kapriccjuz jew dovut ghal xi relazzjoni extra matrimonjali, imma kien rizultat tas-sitwazzjoni matrimonjali ezistenti. Ghalhekk fil-kaz odjern jonqos wiehed mill-ingredjenti essenjali sabiex jikkonfigura l-abbandun kif koncepit fl-Artikolu 41.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghandha tigi milqugha stante li z-zwieg bejniethom tkisser irremdijabbilment rizultat ta’ sevizzi da parti tal-konvenut, u ingurji gravi da parti ta’ l-attrici, fil-konfront ta’ xulxin, b’

mod li z-zewg partijiet huma it-tnejn responsabbli ghal-firda.

**Manteniment**
Rigward it-talba ta' l-attrici ghall-manteniment, il-Qorti f' dan ir-rigward tikkondividi sostanzjalment il-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, salv dawk kontenuti fl-ewwel paragrafu, that l-intestatura "Manteniment" [fol.371]; u li ghalhekk r-retta alimentarja dovuta lill-attrici mill-konvenut ghandha tkun ta' Lm150 fix-xahar.

**Komunjoni ta' l-akkwisti**
Rigward il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet maghmula mill-abbli perit legali fir-rapport tieghu taht l-intestatura "Komunjoni ta' l-Akkwisti" [fol.372] u taqbel li ghal dak li jirrigwarda sehem il-konvenut mis-socjeta' M.D.C and Brothers Limited, dan ghandu jibqa' jappartjeni lill-konvenut in forza tal-paragrafu [c] ta' l-Artikolu 48 tal-Kap.16

Illi fir-rigward tas-sottomissjoni ta' l-attrici li s-somma ta' Lm5,173 hija parafernali taghha u d-dokumenti prezentati in sostenn, il-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni ma tirrizultax adegwatament provata. Mill-provi jirrizulta li din is-somma tinsab depositata f' kont fil-Bank of Valletta f' isem AB C bin-numru 173 0000 103-5; filwaqt li mid-deununzji esebiti jirrizulta biss li l-ġenituri taghha kellhom kont wiehed bankarju lokali mal-Bank of Valletta bin-numri differenti u b' ammonti that l-elf lira li in difett ta' provi kuntrarji kellhom jitqassmu bejn hamest ahwa, inkluza l-attrici. Ghaldaqstant kien korrett il-perit legali meta kkunsidra dan l-ammont bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti skond il-presunzjoni legali.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, dovuta ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet;

[2] tilqa' t-tieni talba, u tawtorizzahom jghixu separatament;

[3] tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut jhallas lill-attrici retta alimentarja mensili ta' mija u hamsin lira maltin [Lm150] pagabbli bil-quddiem fl-ewwel ta' kull xahar permezz ta' cheque fir-residenza taghha;

[4] tilqa' ir-raba talba attrici u takkorda lill-attrici l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha; u tordna li l-konvenut jirritorna l-beni parafernali ta' l-attrici li jista' jkollu fil-pussess tieghu;

[5] tilqa' il-hames talba u tiddikjara xjolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti u li din tikkonsisti fl-effetti mobli u immobbli kif elenkati mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu pagna 13 a fol.372 tal-process that l-intestatura "Kommunjoni ta' l-Akkwisti" u taqsamha kif ser jinghad:
[a] id-dar matrimonjali bl-isem Greenwich House, Triq E.B.Vella Tarxien ghandha tinbigh bis-subbasta, sakemm il-partijiet ma jifthemux li din tinbigh fuq is-suq liberu, u r-rikavat jinqasam wgwalment bejn iz-zewg partijiet;

[b] il-mobbli jinqassmu billi l-karrozza Daihatsu tigi assenjata lill-konvenut, u l-bqija tal-mobbli [inkluza l-kamra tal-pranzu] tehodhom l-attrici;

[c] L-ishma fl-istock exchange, kontijiet fl-HSBC u BOV jinqasmu bejn il-kontendenti wgwalment, izda l-konvenut ghandu jippercepixxi LM550 aktar mill-kontijiet fil-BOV;

[d] tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost tal-paragrafu [c] tal-Artikolu 48[1] b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 51 u 52 tal-Kap.16; u ghalhekk sehem il-konvenut mis-socjeta' M.D.C and Brothers ghandu jibqa' jappartjeni lill-konvenut, u l-attrici m'ghandha tiehu xejn mll-valur ta' dan is-sehem li l-konvenut ghandu jzomm esklussivament fuq ismu b' applikazzjoni ta' l-Artikoli precitati.

L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------